# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

## Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)

---

**Illum 25 ta' Marzu, 2021**

Appell numru 22 tal-2020

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Mario ABELA**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-4 ta' Frar 2020 fil-konfront ta' Mario ABELA, karta tal-identità bin-numru 250954 M li ġie mixli (in suċċint):

   Talli nhar it-28 ta' Novembru 2019 għall-ħabta ta' 14:30 f'xi ħin matul il-ġurnata fil-fond Feria, Triq Raddet ir-Roti, San Pawl il-Baħar :

   i. volontarjament għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli u ċjoe fence, proprjeta ta' Geraldine Myra Noel, liema ħsara tammonta għal mitejn u erbgħin euro;

   ii. wettaq ir-reat ta' ragion fattasi fil-konfront ta' l-istess Geraldine Myra Noel.

   Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika d-disposizzjonijiet tal-artikolu 377(5) tal-Kodiċi Kriminali fil-konfront tal-eventwali ħati.

2. Permezz tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant u wara li rat l-Artikoli 325(1)(c) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, ma sabitux ħati tat-tieni imputazzjoni u minnha lliberatu filwaqt li sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni miġjuba kontrih u kkundannatu għal għaxart ijiem priġunerija sospiżi għal sena ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li ai termini tal-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta ordnatlu jħallas lil Geraldine Myra Noel is-somma ta’ mitejn u erbgħin euro (€240) fi żmien xahar mid-data tas-sentenza.

3. Illi Mario ABELA appella minn din is-sentenza fejn talab lil din il-Qorti sabiex tħassar, tikkanċella u tirrevoka s-sentenza appellata fejn sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u b’hekk tilliberah minn kull ħtija u piena jew (il-Qorti tifhem b’mod alternattiv) li tbiddel il-piena f’waħda anqas ħarxa, u dan wara li saħaq is-segwenti :

> (1) Li l-Qorti tal-Maġistrati naqset milli tapprezza l-linja difensjonali tal-**vim vi repellere licet**. Irriżulta mingħajr dubbju li meta l-appellant mar jiddritta x-xatba, hu għamel dan immedjatament hekk kif kienu qegħdin isiru x-xogħolijiet u sempliċiment għar-raġuni li x-xatba kienet qegħda tiġi mbottata għal fuq il-propjeta’ tiegħu b’mod li hu kien qed jiġi ostakolat milli jgħaddi għal ġol parti tal-ġnien tiegħu fatt li kien jirriżulta mix-xhieda ta’ Brian Meli. Dan ix-xhud ikkonferma li l-appellant kien qallu biex iwaqqaf ix-xogħolijiet peress illi kien dieħel fil-propjeta’ tiegħu. L-appellant aġixxa peress illi bix-xatba l-ġdida kif installata, hu kien qed jiġi ostakolat milli jaċċedi għall-propjeta’ tiegħu. Il-skond il-Professur Mamo fin-noti tiegħu, il-prinċipju **vim vi ripellere licet** jirriżulta meta l-allegat aggressur jaġixxi sabiex jipproteġi d-drittijiet tiegħu stess f’liema każ ma jkunx ħati ta’ reat, dment li dan ma jsirx b’sens ta’ tpattija. Għalhekk saħaq li ma setax jinstab ħati tar-reat ta’ ħsara volontarja.
>
> (2) In oltre l-appellant jilmenta li l-piena kienet eżaġerata u sproporzjonata, u b’mod partikolari meta l-Qorti applikat il-ħlas tal-kumpens taħt l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali meta jitqies li l-appellant aġixxa sabiex jipproteġi l-propjeta’ tiegħu.

## Ikkunsidrat

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta’ reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-

[1] Tal-21 t’April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta’ l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed”, u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

8. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

9. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-Law of Evidence.

10. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali,

---

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak,** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

11. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

12. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne,**[5]

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

13. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

14. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

15. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

16. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

17. Fil-każ Ingliż **Majid**,[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

18. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

---

[6] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.
[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

19. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **<u>tas-sikurezza</u>**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **<u>b'sikurezza</u>** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

20. U huwa biss meta jkun hemm **<u>id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża</u>** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

21. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.
>
> Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[9]

22. In oltre u aktar reċentement fis-sentenza **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer,** il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

> Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

> liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[10]

23. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

24. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first

[10]Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

> instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

25. Issa kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

**Ikkunsidrat**

26. Illi nhar it-28 ta' Novembru 2019 għall-ħabta tal-11:30 l-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra rċevew telefonata li rrapurtat illi l-appellant kien qed jagħmel ħsara fuq iċ-ċint tal-ġnien tal-parte civile. Il-Pulizija marru fl-indirizz ta' Geraldine Myra Noel, ossija l-parte ċivile, fejn hi spjegatilhom illi kienet irċeviet telefonata mingħand il-ħaddiem tagħha Brian Meli li nfurmaha illi waqt li hu kien qed jinstalla

xatba fuq in-naħa tal-propjeta' tagħha, l-appellant beda jimbotta l-istess minn naħa l-oħra fejn konsegwentement għamlilha l-ħsara.

27. Il-Pulizija immedjatament marru jfittxu lill-appellant fl-appartament tiegħu fejn kif fetħulhom u mingħajr ma l-ewwel ġie mistoqsi, qalilhom minn jeddu illi l-kwerelanta bdiet tibni l-imsemmi ċint fuq in-naħa tiegħu tal-ġnien. Hu minnufih mar jimbotta għal fuq in-naħa tagħha biex ma jkunx hemm invażjoni fil-propjeta' tiegħu. Konsegwentement l-appellant ġie nfurmat li ser jinħarġu l-akkużi kontra tiegħu.

28. L-appellant jisħaq illi l-Qorti tal-Maġistrati kienet żbaljata meta' sabitu ħati tal-kaġun ta' ħsarat volontarji u dan peress li skontu naqset milli tifhem u tapprezza l-prinċipju ta' **vim vi repellere licet** li fil-fehma tiegħu kien applikabbli f'dan il-każ. Skond l-appellant huwa evidenti mill-provi prodotti illi kif ra x-xogħolijiet qed isiru u innota li dawn kienu qegħdin jinvadu l-propjeta' tiegħu, hu mar minnufih iwaqqaf lil-ħaddiem li kienet qabdet il-parte civile sabiex jinstalla xatba. Jgħid li l-azzjoni tiegħu kienet intiża sempliċiment sabiex jipproteġi l-propjeta' tiegħu u b'hekk hu ma setax jinstab ħati tal-imputazzjoni in kwistjoni.

**Ikkunsidrat**

29. Illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li l-appellant kellu jinstab ħati tar-reat ta' ħsara volontarja ikkaġunati minnu.

30. L-appellant donnu jargumenta li f'dan il-każ il-mens rea fir-reat ta' ħsara volontarja kienet nieqsa minħabba li huwa l-intenzjoni tiegħu ma kienetx dik li jirreka ħsara volontarja fuq il-proprjeta tal-viċina tiegħu daqskemm li jħallihiex tinvadilu l-proprjeta tiegħu bil-fence li kienet qegħda tinstalla. L-appellant jgħid li f'dan il-każ kien applikabbli l-prinċipju **vim vi repellere licet**.

31. Qabel xejn jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) straħet, kif kellha jedd tagħmel, fuq il-verżjoni pprovduta mill-parte ċivile u mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni - aktar mid-depożizzjoni tal-appellant. Dik il-Qorti kellha l-opportunita' li tevalwa u tapprezza x-xhieda viva voce ta' dawn ix-xhieda kollha u tieħu deċiżjoni lil min temmen, fejn u safejn temnu. Kif intqal aktar il-fuq, dan il-fatt iqiegħed lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'posizzjoni ferm aktar vantaġġuża fuq din il-Qorti meta din il-Qorti tiġi biex tagħmel l-eżerċizzju tar-reviżjoni tagħha.

32. Jibda biex jingħad illi skont dak li xehed Brian Meli kif, ukoll il-parte civile, l-appellant heżżeż ix-xatba li kienet qed tiġi nstallata fuq l-istruzzjonijiet tal-parte civile. Meli jgħid li l-appellant qallu li ma riedux hemm dak il-fence. Meta l-appellant għamel din il-manuvra ta' theżżiż, inqalgħu żewġ ħadidiet mill-welding. Dawn il-ħsarat kellhom bżonn tiswija u dan skond l-istima li ġiet eżebita fl-atti, il-valur tat-tiswija ta' din il-ħsara kienet tammonta għal mitejn u erbgħin euro (€240).

33. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma emnitx il-verżjoni tal-appellant li hu m'għamel l-ebda ħsara. Id-deposizzjoni ta' Brian Meli kienet ċara. L-appellant għamel il-ħsara lill-fence meta huwa **<u>heżżeż</u>** il-fence. Inħarġet ukoll stima għal dawn il-ħsarat, liema

stima ma ġietx ikkontestata – għalkemm saret kritika li minn irrediġiha qatt ma tela' jikkonfermaha viva voce.

34. Din il-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet, in bażi għax-xiehda kemm tal-parte ċivile kif ukoll ta' Brian Meli - li kkonfermaw li l-istima inħarġet mis-soċjeta fejn jaħdem Meli – tilqa' mhux biss il-verżjoni li l-ħsarat verament kienu saru mill-appellant, iżda wkoll tilqa' l-valur tal-ħsarat bħala dak reklamat mill-parte civile.

35. Aktar minn hekk jirriżulta mix-xiehda tal-parte civile li dan il-fence kien qiegħed jiġi mwaħħal il-ġewwa mill-ispeċi ta' fence li kien hemm preċedentement. Il-parte civile tgħid li I had asked Brian to construct a fence that was <u>in front of the existing fence so that encroached further indeed on my property</u>.

36. Mix-xhieda tal-appellant stess huwa ċar ukoll illi l-fence il-ġdida ma kienetx qegħda tiġi installata fil-proprjeta tiegħu, iżda kienet qed tiġi mwaħħla fil-proprjeta tal-parte civile. Infatti l-fence serħet fuq il-ħabel tal-metall li kien jifred il-proprjetajiet tal-appellant u dik tal-parte civile. Tant hu hekk li l-appellant jgħid a fol 25 li <u>kien il-fence li diġa kien hemm li kien ġie imbuttat fuq il-proprjeta tiegħu</u>.

37. Apparti minn hekk anke Brian Meli jikkonferma li biex jagħmel ix-xogħolijiet huwa aċċeda għall-ġnien tal-parte civile mill-propjeta' tagħha stess u mhux minn xi aċċess komuni jew propjeta' oħra.

## Ikkunsidrat

38. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) illiberat lill-appellant mill-offiża ta' ragion fattasi li kienet ġiet kontestata lilu wara li qieset li r-reat ta'

ragion fattasi ma kienx ġie soddisfaċentement ippruvat. Dik il-Qorti pero sabet li bl-azzjoni tiegħu l-appellant volontarjament għamel il-ħsarat volontarji fuq il-fence tal-parte civile.

39. Fis-sistema ġuridiku Malti l-prinċipju tal**-vim vi repellere licet** ma hux t'applikazzjoni ġenerali, iżda jista' jservi ta' difiża f'ċerti każijiet limitati u kontemplati fil-Liġi. Dan jirriżulta mill-kitbiet tal-Professur Sir Anthony Mamo, fosthom fil-**Lectures in Criminal Law**, l-ewwel Volum, paġna 101 et seq. fejn Mamo anke jisħaq fuq il-fatt li fis-sistema Malti il-prinċipju tal-użu tal-vjolenza biex tiġi mbegħda vjolenza opposta hija kundizzjonata u ristretta għal sitwazzjonijiet partikolari.

40. Dan jidher li huwa wkoll sa ċertu punt rikonoxxut mill-appellant stess meta fir-rikors tal-appell studjat tiegħu, jiċċita varji każijiet deċiżi minn dawn il-Qrati fejn applikaw il-prinċipju tal-**vim vi repellere licet** fil-qasam tar-reati li jolqtu l-proprjeta – iżda fejn l-istess ġurisprudenza tirriżulta limitata għal ċerti sitwazzjonijiet ta' ragion fattasi.

41. Biss ġaladarba l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma sabitx lill-appellant ħati tar-reat ta' ragion fattasi in kwantu saħqet li ma kienx hemm provi suffiċjenti li seħħ ir-reat ta' ragion fattasi, id-difiża tal-**vim vi repellere licet** ma tistax tiġi invokata aktar.

42. L-appellant donnu jgħid li huwa xorta waħda ma għandux jirrispondi għar-reat ta' ħsara volontarja in kwantu l-azzjoni tiegħu li jirreżisti l-installazzjoni tal-fence da parti tal-ġara kienet imsejsa fuq l-intenzjoni tiegħu li jwaqqafha milli tinvadilu l-proprjeta tiegħu bil-

fence li kienet qegħda tinstalla, u b'hekk huwa ma kellux l-intenzjoni li jirreka ħsara fil-proprjeta tal-ġara tiegħu.

43. Iżda anke hawn l-appellant ma għandux raġun. Qabel xejn ġie soddisfaċentement ippruvat li l-appellant spiċċa biex għamel il-ħsara fil-fence de quo.

44. Aktar minn hekk, dan l-argument tiegħu jitlaq mill-premessa li l-azzjoni inġusta u invażiva kienet qegħda tiġi kommessa fuqu mill-parte civile stess. Sintetizzat, l-argument tiegħu huwa li kienet il-ġara li ħadet il-Liġi b'idejha meta bdiet tinstalla dan il-fence li kienet qegħda (hi jew l-imbarazz li kien hemm mal-fence ġja eżistenti konsistenti f'biċċa tal-metall) tinvadilu l-proprjeta tiegħu u hu minn naħa tiegħu dak li għamel kien sempliċiment irreżista din il-vjolenza eżerċitata mill-ġara kontra tiegħu billi għamel att ta' reżistenza versu t-twaħħil tal-fence il-ġdid.

45. Mill-apprezzament tal-provi li għamlet il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) din it-teżi ġiet eskluża kompletament. Dik il-Qorti waslet għall-konklużjoni li l-fence de quo kienet qegħda tiġi installata fil-proprjeta tal-istess parte civile u mhux fil-proprjeta tal-appellant. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma emnitex li l-parte civile kienet qegħda bix-xogħol tal-fence tinvadi l-proprjeta tal-appellant jew minn naħa tagħha tikkommetti xi att spoljattiv fil-konfront tiegħu. In effetti f'dan il-każ kien l-appellant li kien mixli bir-reat ta' ragion fattasi u mhux il-parte civile.

46. Fis-sistema ġuridiku Malti, ir-reat ta' ragion fattasi u dak tal-ħsara volontarja fuq il-proprjeta huma kunsidrati bħala reati differenti u awto-esklussivi tant li sabiex jiġi integrat ir-reat ta' ragion fattasi is-

suġġett attiv ma jridx ikollu l-ħsieb li jagħmel ħsara kontra l-Liġi. Dan joħroġ ċar mill-artikolu 85(1) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid li r-reat ta' ragion fattasi jseħħ fir-rigward ta' kull min, **bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi**, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur.

47. Jiġifieri fil-Liġi Maltija, bħala ragola, ir-ragion fattasi jeskludi r-reat ta' ħsara volontarja. B'hekk jekk Qorti teskludi r-reat ta' ragion fattasi tista' ssib ħtija fir-reat ta' ħsara volontarja. Anzi biex tkun tista' ssib ħtija fir-reat ta' ragion fattasi, dik il-Qorti trid tkun konvinta b'sikurezza li ma kienetx tissussisti l-intenzjoni li tiġi rekata ħsara volontarja – u vice versa.

48. Kif ġie deċiż fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. John Portanier** tad-29 t'April 1998, l-istess att materjali jista' jagħti lok għar-reat ta' ragion fattasi jew għal reati oħra bħal ħsara volontarja, serq eċċetra. Iżda jekk ikunx meqjus integrat ir-reat ta' ragion fattasi jew dak ir-reat l-ieħor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-aġent.

49. Fil-fatt fil-Liġi Maltija r-reat ta' ragion fattasi ma jeħtieġx il-prova tal-element tal-mezz tal-vjolenza eżerċitata fuq l-oġġett de quo. Dan a differenza tal-artikolu 392 tal-Codice Penale Taljan, li jelenka la violenza sulle cose bħala l-mezz li bih ir-reat ta' ragion

fattasi jiġi kommess.[11] B'hekk biex persuna f'Malta tikkommetti r-reat ta' ragion fattasi ma teħtieġx li tagħmel dan b'xi eżerċizzju ta' vjolenza fuq l-oġġetti. Jiġifieri persuna tista tiġi ritenuta responsabbli tar-reat ta' ragion fattasi anke jekk ma tirrikorrix għal mezz tal-vjolenza fuq oġġett de quo.

50. Dan ukoll jispjega dak li ġie mistqarr minn din il-Qorti, diversament presjeduta fis-sentenza tagħha tal-11 ta' Frar 2002 fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Carmelo Farrugia et** fejn ingħad li

> Ghalkemm huwa veru li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reat iehor (per ez., hsara volontarja, serq) u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew dak ir-reat l-iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni ta' l-agent (**Il-Pulizija v. John Portanier**, App. Krim. 29/4/1998), b'dana kollu ma jistax jinghad li r-reat ta' ragion fattasi huwa kompriz u involut f'dak ta' hsara volontarja jew vice versa. Biex reat jista' jitqies li hu kompriz u involut f'iehor, l-ingredjenti kollha ta' l-ewwel wiehed iridu jkun jinsabu fir-tieni wiehed. Kif jispjega l-awtur Francesco Antolisei fir-rigward ta' dak li jsejjahlu "reato complesso in senso lato", ikun hemm din il-figura ta' reat "quando un reato, in tutte o in alcune delle ipotesi contemplate nella norma incriminatrice, contiene in se` necessariamente altro reato meno grave"[2]. Proprju minhabba l-intenzjoni ossia l-element formali rikjest fir-reat ta' hsara volontarja minn naha u ta' ragion fattasi minn naha l-ohra, iz-zewg reati jeskludu wiehed lill-iehor, b'mod ghalhekk li ma jistax wiehed minhom ikun kompriz u involut fl-iehor.

51. Anke jekk l-appellant kellu biss l-intenzjoni li huwa jippreżerva l-proprjeta tiegħu, huwa ma kellux bilfors jirrikorri għal att ta' vjolenza fuq il-proprjeta tal-ġara tiegħu li kienet għadha qegħda tiġi installata – fil-proprjeta tagħha – u mhux fuq il-proprjeta tiegħu jew fuq il-linja medjana - anke jekk qrib ħafna l-proprjeta tiegħu. Anzi huwa kellu rimedju jew rimedji oħrajn li huwa setgħa jirrikorri għalihom mingħajr ma jirrikorri għal vjolenza fuq l-oġġetti – installandi fuq in-naħa tal-

[11] Ara f'dan is-sens l-appelli kriminali **Il-Pulizija vs. Gona Caruana** deċiż fil-31 ta' Lulju 2018 kif ukoll **Il-Pulizija vs. Peter Teuma** deċiż nhar it-23 ta' Lulju 2020.

proprjeta tal-ġara tiegħu u ma kellux għalfejn jirreka, volontarjament, ħsara fuq dawk l-istess oġġetti.

52. L-appellant ma kienx ġustifikat li jagħmel ħsara fix-xatba li kienet proprjetà unikament tal-kwerelanta u li kienet qed tiġi installata fil-parti tal-proprjeta tagħha. Il-fence per se ma kienx qiegħed jirrekalu invażjoni fil-proprjeta tiegħu. Semmai kien l-imbarazz li kien hemm mal-fence l-antik li wieħed jista' b'xi mod jifhem li huwa setgħa fehem li daħallu fi ħwejġu. Iżda r-reazzjoni tiegħu ma kienetx l-anqas diretta lejn dan l-imbarazz li forsi kien invadielu l-proprjeta tiegħu iżda l-fence li kien għadu qiegħed jiġi installat fuq il-proprjeta tal-ġara tiegħu.

53. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ donnha waslet għal din il-konklużjoni – għalkemm dan mhux miktub b'mod espress fis-sentenza tagħha. Ir-reat ta' ragion fattasi kien eskluż f'dan il-każ. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) eżaminat l-elementi tar-reat ta' ħsara volontarja. L-appellant ma kellux għalfejn jirrikorri għal atti ta' vjolenza fuq il-proprjeta tal-ġara tiegħu biex jippreżerva l-jeddijiet tiegħu. L-appellant għażel li jheżżeż il-fence volontarjament, peress li ma riedx li din tiġi installata fuq il-post – anke jekk din kienet installata fuq il-proprjeta tal-parte civile. L-appellant kien jaf jew setgħa jobsor faċilment li bl-azzjoni ta' theżżiż voluta tiegħu, dak l-oġġett kien sejjer, jew setgħa, jiġrilu l-ħsara. Huwa pproċeda biex heżżeż dan l-oġġett u fil-fatt jirriżulta li kkawżalu l-ħsara.

54. Konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma illi l-prinċipju msemmi mill-appellant ta' **vim vi repellere licet** m'għandux applikazzjoni f'dan il-każ u l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet

legalment u raġonevolment issib ħtija fil-konfront tal-appellant fir-reat tal-ħsarat volontarji.

**Ikkunsidrat**

55. Illi kwantu għall-gravam interpost dwar il-piena din il-Qorti tistqarr għal darb'oħra l-prinċipju li din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma tbiddilx il-piena mogħtija minn dik il-Qorti kif ġieb u laħaq sakemm ma jiġix pruvat li l-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet żbaljata fil-prinċipju, li kienet tmur lil hinn mill-piena stabbilita mill-Liġi jew li kienet tiġi l-barra mill-parametri tal-Liġi, li tkun żbaljata minħabba li tkun piena differenti fil-kwalita, kwantita jew prinċipju stabbilit mill-Liġi jew inkella li kienet manifestament eċċessiva.

56. Fil-fehma tal-appellant il-piena imposta fuqu kienet waħda sproporzjonata. Biss din il-Qorti jidhrilha li l-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet waħda li kienet taqa' fil-parametri tal-Liġi, kienet waħda indikata għal dan il-każ, ma kienetx żbaljata la fil-prinċipju, la fil-kwantita u l-anqas fil-kwalita tagħha.

57. L-imġieba tal-appellant ma kienetx tixraq. Huwa rreaġixxa b'mod inċivili u vjolenti versu l-proprjeta tal-ġara tiegħu. Ir-rimedju li huwa kellu ma kienx dak li jeżerċita din il-vjolenza fuq il-proprejta tal-ġara iżda li jazzjona lil ġara tiegħu legalment f'każ li huwa kien iqis li l-ġara kisritlu d-drittijiet tiegħu. Iżda mhux jifqagħla l-fence.

58. B'hekk ma hemmx bażi legali li fuqha din il-Qorti tista' tibdel il-piena imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) f'dan il-każ.

# Decide

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiċħad l-appell tikkonferma s-sentenza appellata.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**